5. Dawn l-imputazzjonijiet jitrattaw reati li allegatament seħħew fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2004 u April 2006. Matul iż-żminijiet, saru bosta emendi leġislattivi li laqtu kemm l-Artikolu 62 tal-Ordinanza dwar id-Dwana kif ukoll l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni, fosthom l-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-Att III tas-sena 2013, fost oħrajn, abroga d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni ġiet integrata fl-Artikolu 62(m) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) inter alia qieset li l-imputat beda l-involviment tiegħu fil-qasam tal-importazzjoni tal-ħut billi jagħti servizz ta' customs broking lil diversi persuni li kellhom liċenzja biex jimportaw il-ħut. Il-ħut kien jiġi importat mill-Oman minn kumpanija Masirah Fish Products. Wara ftit xhur, inqala' xi disgwid bejn il-partijiet kollha u għalhekk, l-imputat ftiehem direttament mal-kumpanija Masirah Fish Products biex jirrappreżentahom f'Malta u jkun hu d-"dealer" li jissuplixxi l-klijienti ta' Masirah f'Malta. Skont dawn l-arranġamenti, dawk il-persuni li kellhom liċenzja maħruġa f'isimhom kienu jinfurmaw lill-imputat x'ħut iridu u hu, bl-użu tal-liċenzja tagħhom, kien jagħmel l-arranġamenti kollha neċessarji għall-importazzjoni. Għal kull konsenja kienu jinħarġu tlett invoices: invoice bi prezz baxx li abbażi tagħha kien jitħallas id-dazju u li kien

jirrapreżenta l-prezz tal-ħut imħallas lis-sajjied f'Oman; invoice bi prezz medju li kien il-prezz li jitħallas lil Masirah u dan kien jinkludi l-ħlas dovut lil intermedjarju li kien jixtri l-ħut mingħand is-sajjed ghal Masirah u invoice bi prezz gholi li jinkludi fih l-prezz li jitħallas lil Masirah flimkien mal-commission ghas-servizzi reżi mill-intermedjarju. L-imputat kien iħallas id-dazju fuq l-inqas prezz. Id-Dwana kienu jippretendu d-dazju jitħallas fuq il-prezz tan-nofs. Dan jirriżulta mir-rendikont esebiet mix-xhud Mario Galea (Dok. MG fol. 165).

7. Mill-provi irriżulta li l-imputat kien jieħu ħsieb kull aspett tal-importazzjonijiet in eżami ħlief ix-xorta u l-kwantita' ta' ħut li jkunu jridu l-klijenti tiegħu. Kien hu wkoll li kien jiġġestixxi l-formalitajiet kollha mad-Dwana u mad-dipartimenti oħra li setgħu kienu konċernati. Kien hu wkoll li kien jieħu ħsieb id-dokumentazzjoni kollha. Għalhekk, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment tqis li l-imputat appellat kien jaf b'dak kollu li kien qiegħed jiġri u li wassal għal dawn il-proċeduri.

8. Il-punt ċentrali f'dan il-każ kien jekk id-dazju kellux jitħallas mill-appellat fuq l-invoice l-aktar baxxa jew fuq dik tal-prezz medju u cioe' l-prezz li jinkludi l-commission imħallsa l-Oman kif tikkontendi d-Dwana (dan joħroġ biċ-car mil-letter to prosecute u miċ-ċitazzjoni u mir-rendikont ippreparat minn Mario Galea).

9. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li d-dazju li jitħallas lil Kummissarju tat-Taxxi fuq oġġetti importati **tinkludi d-dazju ta' importazzjoni**, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra dumping, dazju ta' kumpens u dazju ta' sisa. Skont l-ewwel artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola d-dazju dwar l-importazzjoni:

> the customs value of the imported goods shall be the transaction value, that is **the price <u>actually paid or payable</u> for the goods when sold for export to Malta**, adjusted with the provisions of article 8...

10. Imbagħad l-artikolu 8 ta' din it-Tielet Skeda, iżid igħid li :

> 1. In determining the customs value under the provisions of Article 1, **<u>there shall be added to the price actually paid or payable for the imported goods</u>**:
> (a) the following, to the extent that they are incurred by the buyer but are not included in the price actually paid or payable for the goods –

(i) commissions and brokerage, except buying commissions;
(ii) the cost of containers which are treated as being one for customs purposes with the goods in question;
(iii) the cost of packing whether for labour or materials;

11. B'applikazzjoni ta' dan kollu, l-esportatur irriżulta li kien Masirah u mhux is-sajjied u l-prezz imħallas lil Masirah kien dak li tħallas biex u meta l-ħut ġie esporat lejn Malta. Għalhekk l-imputat kien żbaljat meta ppreżenta l-iżgħar invoice ai fini ta' ħlas ta' Dwana u li konsegwentement ma' kull importazzjoni ma ħallasx id-dazju kollu dovut. Dan kien ifisser li allura f'dan il-każ kien hemm ammont ta' dazju li fil-fatt irriżulta li kien perikolat. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddecidiet li l-imputazzjonijiet in eżami kienu jissussistu (in kwantu dawn jirreferu ghall-Kap. 37 u mhux ta' xi dispożizzjoni tal-Kap. 337) u sabet lill-appellat ħati ta' dawn ir-reati li huwa kien iddikjara ammonti ferm anqas minn dawk li suppost kellu jiddikjara għall-fini tal-Liġi tad-Dwana.

12. Il-kwistjoni kollha hija jekk meta dik il-Qorti ġiet biex teroga l-piena tagħha kienetx legalment u raġonevolment korretta li tgħid li ġaladarba l-appellat kien ħallas dak id-dazju li kien perikolat fil-mori tal-proċeduri, allura ma kien fadal l-ebda ammont dovut lid-Dwana. Ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena għar-reati li tagħhom kien instab ħati l-appellat kienet multa ekwivalenti għal tlett darbiet id-dazju ipperikolat. Tenut kont tal-fatt li d-dazju ipperikolat tħallas (wara li l-appellat ħallas dazju anqas minn dak li kien dovut lid-Dwana, tant li eventwalment ħallas id-differenza bejn dak id-dazju li kien ħallas oriġinarjament u dak id-dażju li kienet qed tippretendi li kellu jitħallas id-Dwana) il-kwistjoni baqgħet biss waħda ta' jekk kienx hemm responsabilita kriminali, u fil-fatt, dik il-Qorti wara li sabet li minkejja l-ħlas ta' dak id-dazju li kien perikolat kienet xorta waħda tissussisti r-responsabbilta' kriminali tal-appellat allura minħabba li ma ħallasx id-dazju kollu dovut minnu fil-mument meta dak id-dazju kien legalment dovut, hija imponiet multa fl-ammont ta sitt mitt euro (€600), wara li qieset li ġaladarba f'dak il-punt tal-ġudizzju ma kienx hemm aktar dazju perikolat, allura ma setgħetx tapplika l-formula tal-multa fejn jitħallas ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat in kwantu ħames darbiet ix-xejn iwassal għax-xejn u b'hekk iddeċidiet li timponi multa fil-minimum tagħha.

13. L-argument tad-Difiża, fil-qosor huwa li l-kwistjoni li qamet mad-Dwana kienet jekk id-dazju li ried jitħallas fuq dan il-ħut

impurtat kienx il-valur tal-ħut meta s-sajjieda jbiegħu lill-intermedjarju jew meta l-intermedjarju jbiegħu lil-kumpanija; jew meta l-appellat jiġi biex jikkonsenjah lill-aġenti lokali hawn Malta u għandhom liċenzji biex jimpurtaw u jbiegħu l-ħut. Fir-rigward tal-ewwel aggravju jidher illi dan kien lapsus calami. Id-Difiża qablet mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta din ma ħaditx konjizzjoni tal-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġuni illi meta dik il-Qorti ġiet biex tiddeċiedi l-proċeduri, dan l-Artikolu ma kienx baqa' fis-seħħ u ġie revokat. Inoltre d-Difiża tisħaq li l-Avukat Ġenerali kienet qegħda tibbaża l-argument tagħha dwar il-komputazzjoni tal-piena fuq dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Falzon et** iżda l-Avukat Ġenerali ma semmietx li fil-verbali ta' dik il-kawża kien hemm indikat li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu fuq l-ammont ta' multa li kellha titħallas. Fi kwalunkwe każ id-Difiża ma qablitx mal-interpretazzjoni f'dak il-każ in kwantu ttenni li ma kienetx taqbel li l-multa kellha tiġi kkomputata bil-mod imsemmi. Invece tiċċita s-sentenza **Il-Pulizija vs. Gordon Spiteri** deċiza nhar is-26 t'Ottubru 2017 fejn din il-Qorti diversament preseduta ddipartiet minn dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Falzon et.** Id-Difiża ċċitat ukoll il-każ **Il-Pulizija vs. Massimo Cremona** fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wkoll ma abbraccjatx dak li ntqal fil-każ iċċitat mill-Avukat Ġenerali. Id-Difiża saħqet li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet multa għaliex meta ġiet biex timponi l-multa, ma kienx għad fadal dazju perikolat in kwantu l-appellat kien ħallas id-dazju pretiż mid-Dwana. B'hekk dik il-Qorti adottat il-formula aktar il-fuq imsemmija billi ħames darbiet ix-xejn iwassal għax-xejn u b'hekk iddeċidiet li timponi multa fil-minimum tagħha. Id-Difiża qieset din is-sentenza bħala ġusta u li timmerita konferma.

14. Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali targumenta li għandha tinżamm distinzjoni bejn ir-responsabbilta kriminali u dik ċivili. Il-fatt li l-appellat kien ħallas id-differenza tad-dazju pretiża mid-Dwana setgħet tagħlaq il-kapitolu tal-vertenza ċivili; iżda mhux ukoll dik penali. Ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellat ħati hija kellha timponi l-multa skont il-Liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tinterpreta l-Liġi b'mod li l-imposizzjoni tal-piena tal-multa tkun tiddependi fuq jekk l-imputat ikunx ħallas id-dazju perikolat o meno – wara li jkun "inqabad" mid-Dwana. Il-multa kienet il-piena għal min ikun kiser il-Liġi fil-mument tal-kummissjoni tar-reat. Il-ħlas tad-differenza fl-ammont ta' dazju dovut - wara li jkun twettiq tar-reat - ikunx permezz ta proċeduri ċivili istiwiti mid-

dipartiment jew b'xi ftehim bonarju - ma jeskludix is-sejbien ta' ħtija piena fil-kamp penali u l-imposizzjoni tal-multa kalkulata skont il-Liġi.

15. L-Avukat Ġenerali żżid tgħid li huwa prinċipju segwit mill-ordinament ġuridiku Malti f'sitwazzjonijiet bħal dawn li l-pieni erogati ma jistgħux ikunu **<u>taħt</u>** il-minimum sanċit mil-ligi u f'dawn is-sitwazzjonijiet il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni bil-Liġi biex tinżel taħt il-minimum. Għalhekk f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha timponi l-piena tal-multa applikabbli skont il-Liġi, b'dan li l-Avukat Ġenerali tikkonċedi li din kellha tkun fil-forma l-aktar favorevoli għall-imputat appellat fis-sens tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-piena l-iktar favorevoli, bażata fuq l-interpretazzjoni tal-Liġi l-aktar favorevoli għall-appellat, kellha twassal għal ħlas ta' multa ta' Ewro 43,272.48 li kienet tirrapreżenta tlett darbiet l-ammont ta' dazju perikolat u mhux skond il-Liġi preżenti fejn il-piena tiġi komputata abbażi ta' ħames darbiet id-dazju perikolat jew inkella abbażi tad-dazju kollu dovut inkluż dak perikolat li allura jkun jammonta għal Ewro 112,389.90.

**Ikkunsidrat**

16. Dan il-każ jippreżenta xenarju legali kumplikat minħabba l-fatt li għadda ħafna żmien bejn id-data tal-kommissjoni tar-reat u d-data ta' meta ġiet deċiża l-kawża, diversi aspetti tal-Liġijiet li fuqhom saret din il-kawża laħqu inbidlu u ġew emendati. B'hekk dan wassal biex l-effett temporali tal-bdil tal-Liġijiet ikollu wkoll impatt fuq dan il-każ. Imbagħad fl-istess żminijiet kien hemm ukoll żviluppi li seħħew anke fil-kamp tal-jeddijiet tal-bniedem u l-interpretazzjoni li tkun teħtieġ li tingħata mill-Qrati f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm bidla f'liġijiet u l-effett li dan ikollhom fuq l-aspett tar-responsabbilitajiet penali tal-ġudikabbli jew tal-piena li tkun tista' tiġi imposta fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. Dan il-każ fil-fatt ġie affettwat minn dawn iżviluppi kollha.

17. L-Artikolu 62 tal-Ordinanza dwar id-Dwana, fiż-żmien tal-allegati reati kien jippreskrivi piena konsistenti fost l-oħrajn, f'multa ekwivalenti għal **tlett darbiet <u>l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti.</u>** L-istess dispożizzjoni tal-Liġi pero', ġiet emendata permezz tal-Att III tas-sena 2013 fejn allura l-komputazzjoni tal-multa inbidlet għal waħda ekwivalenti għal **<u>tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti</u>** ***<u>jew</u>*** **<u>ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat,</u> <u>liema minnhom hu</u>**

**<u>l-inqas iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt Ewro hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin</u>**.

18. Mal-ewwel daqqa ta' għajn jidher kif filwaqt li qabel l-emendi tal-Att III tal-2013, l-Artikolu 62 kien jitkellem fuq '**dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti**', permezz tal-emendi introdotti, il-leġislatur jiddistingwi bejn '**dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti**' u '**dazju perikolat**'.

19. L-Avukat Ġenerali targumenta li filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta li applikat l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien jaqra fiż-żmien tal-kawża u dan minħabba l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe' li għandha tiġi applikata l-piena l-anqas gravi), ma kienetx korretta li tinterpreta d-diċitura '**dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti**' bħala dak id-dazju li kien hekk evaż.

20. L-Avukat Ġenerali, tiċċita l-kawża **Il-Pulizija vs. Carmelo Falzon u Emanuel Falzon**[1] liema każ kien jitratta reati li pero' saru fi żmien li ma kienx għadu milqut mill-emendi introdotti permezz ta' Att III tal-2013 (reati seħħew fil-perjodu 1992-1994 u l-kawża nqatgħet fis-sena 2007) u għaldaqstant il-liġi applikabbli kienet għadha dik li titkellem fuq '**dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti**' liema diċitura allura kienet għadha tħalli lok għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi:

> Finalment l-aggravju li l-kalkolu tal-multa għandu jsir biss fuq il-bilanċ tad-dazju biss u mhux fuq id-dazju kollu huwa wkoll infondat għaliex il-liġi titkellem "fuq id-dazju li ghandu jithallas" u mhux fuq il-bilanc tal-istess dazju li jkun baqa' ma thallasx. Ghalhekk il-kalkolu tal-multa kif issa kalkolat u mitlub mill-Avukat Generali ghandu jreggi.

21. F'dan ir-rigward dil-Qorti tosserva li grazzi għall-emendi introdotti bl-Att III tal-2013 illum ma fadalx wisq lok għal interpretazzjoni fis-sens li l-Liġi illum titkellem fuq 'dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti' b'mod distint minn dak id-dazju li hu 'perikolat'. It-tifsira tal-frażi "dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti" kienet suġġetta għal interpretazzjonijiet differenti qabel ma issa saret din id-distinzjoni. Kien hemm l-interpretazzjoni litterali li trid li "dazju li

[1] Deċiża nhar is-7 ta' Mejju 2007

għandu jitħallas fuq l-oġġetti" tirreferi għall-ammont totali ta' dazju dovut mingħajr ma allura jkun għadu tħallas xejn; filwaqt li l-frażi 'dazju perikolat' tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tagħmel dikjarazzjoni ineżatta, u aktar baxxa minn dak dovut u għalhekk tkun ħallset kwantita' ta dazju fuq l-oġġetti importati **iżda** mhux l-ammont kollu li kienet obligata li tħallas bil-Liġi.

22. L-interpretazzjoni litterali li trid li l-frażi "dazju li għandu jitħallas" tirreferi għall-ammont totali ta' dazju dovut mingħajr ma jkun għadu tħallas xejn ssib **kontestazzjoni** fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gordon Spiteri**[2] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> Illi din il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dina l-ahhar interpretazzjoni u dan ghaliex jkun **kontro-sens u ingustizzja kbira li importatur jerga' ihallas fuq l-ammont ta' dazju li huwa jkun hallas fuq il-merkanzija u fejn allura ma ikunx kiser il-ligi. B'dan l-argument jigi illi l-Istat jkun qed jithallas ghal tlett darbiet dak id-dazju li ikun diga' thallas skont il-ligi.**[3] Id-dazju li kellu jithallas f'dan il-kaz u baqa' ma thallasx huwa biss dak li kien dovut fuq il-valur mhux dikjarat, ghaliex fuq il-valur li gie dikjarat fil-fatt thallas, kif inghad. Tant hu hekk illi l-legislatur biex jaghmel il-ligi aktar cara hass li kellha tigi introdotta emenda f'dan ir-rigward biex b'hekk il-ligi illum tistipula illi l-multa li ghandha tigi inflitta ghandha tkun dik ta' hames darbiet l-ammont ta' dazju evaz u mhux tad-dazju kollu li hafna drabi il-maggior parti tieghu jkun diga' thallas.

23. Din l-istess interpretazzjoni tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta issegwi wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Benjamin sive Benny Mamo et:**[4]

> L-Avukat Generali jippretendi li l-multa li ghandha tithallas miz-zewg appellati ghandha tkun ta' €35,457.72. Huwa jibbaza l-kalkolu tieghu fuq il-valuri indikati fid-dokument a fol. 48 li huwa dokument mibghut mid-Dwana Ingliza lid-Dwana Maltija fit-30 ta' Settembru 1994. Din il-Qorti pero' ma tistax tikkondividi l-pretensjoni ta' l-Avukat Generali peress illi kemm fl-akkuza originali kif ukoll fil-letter to prosecute (a fol 14-15), id-dazju li gie indikat bhala li gie evaz kien ta' Lm1,393. Difatti dan l-ammont jirrizulta mill-komputazzjoni maghmula mid-Dwana u kif rizultanti mid-dokument datat 26 ta' Novembru 1994 a fol.71. Huwa minnu li d-dazju totali kellu jkun ta' Lm5,074, izda minn dak l-ammont l-appellati hallsu Lm3,681, **biex b'hekk id-dazju evaz kien ta' Lm1,393.**[5]

---

[2] Deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2017.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.
[4] Deċiża 9 ta' Ġunju, 2010 liema prinċipji ribaditi wkoll mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Massimo Cremona** deċiża fil-31 ta' Jannar, 2017.
[5] Emfasi ta' din il-Qorti.

Issa, skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, min jinstab hati tar-reati indikati, "jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skond liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn." Peress illi d-dazju evaz kien ta' Lm1,393 (illum ekwivalenti ghal €3,244.82), tliet darbiet dan l-ammont jigi Lm4,179 (illum ekwivalenti ghal €9,734.46). Ghalhekk kull wiehed mill-appellati ghandu jhallas tali ammont".

24. Konfrontati b'din il-Liġi drakonjana, din il-Qorti diversament presjeduta fl-appelli kriminali **Mamo** u **Spiteri** aktar il-fuq imsemmija fejn fiż-żmien meta seħħ ir-reat ta' evażjoni tad-dazju il-Liġi kienet tipprovdi għal **multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti** interpretat din id-disposizzjoni bħala li tfisser li dan l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti tirreferi mhux bilfors għall-ammont ta' dazju dovut li jitħallas fuq il-valur tal-merkanzija kollha importata iżda l-ammont ta' dazju li ma jkunx ġie mħallas ossija dazju evaż. Jekk l-importatur ma jkun ħallas ebda dazju allura jrid iħallas il-multa fuq il-valur kollu tal-oġġetti importati; iżda jekk l-importatur ikun ħallas parti mid-dazju u ma jkunx ħallas parti oħra tad-dazju dovut, allura dawn il-Qrati qalu li l-multa tkun trid tiġi kalkulata fuq l-ammont ta' dazju li ma jkunx tħallas u b'hekk ikun ritenibbli bħala dak l-ammont ta' dazju (evaż) li għandu jitħallas fuq l-oġġetti (mhux dikjarati jew dikjarati b'valur anqas minn dak rikjest mill-Liġi, eċċetra). Dan wassal biex f'dawn il-kawżi – fejn din l-interpretazzjoni ġiet mogħtija f'kuntest fejn, bħal f'dan il-każ Attard,[6] ir-reati kienu seħħew **<u>qabel</u>** id-dħul fis-seħħ tal-emendi li saru bl-Att III tal-2013 - l-ammont tal-multa ġiet komputata bħala tliet darbiet fuq dik il-porzjon tad-dazju evaż **<u>u mhux</u>** fuq il-valur tad-dazju kollu fuq l-oġġetti importati (allura kemm fuq id-dazju li ġie mħallas kif ukoll dak li ma ġiex imħallas u b'hekk evaż). L-Att III tal-2013 donnu pprova li jindirizza dan il-ħsieb kif rifless f'dik il-ġurisprudenza partikolari.

25. Ir-ratio wara din il-ġurisprudenza, nonche allura dawn l-emendi tal-2013, hija li bl-Ordinanza dwar id-Dwana l-Istat għandu jiġbor dak li huwa **<u>dovut</u>** bil-Liġi lejn l-Istat Malti minn importaturi fuq prodotti li huma dazjabbli. Is-sanzjoni għal min ma jħallasx dak id-dazju li huwa dovut hija ta' natura penali u ġġor piena oneruża li

[6] Jiġi osservat kif is-sentenzi aktar il-fuq imsemmija lkoll jitrattaw akkużi simili għal dawk li huwa imputat bihom l-appellat fil-każ preżenti u lkoll jirrisalu għall-perjodu milqut bl-emendi introdotti permezz tal-Att III tas-sena 2013. Fil-każ preżenti l-imputazzjonijiet imorru lura għall-perjodu li jmur minn Ottubru tas-sena 2004 sa April 2006.

tista' tkun anke waħda ta' priġunerija; b'hekk ma tkunx ġusta interpretazzjoni tal-Liġi li tippermetti lill-Istat li jippenalizza lill-ġudikabbli bil-piena tal-multa li tkun kalkulata **anki** fuq dak l-ammont ta' dazju fuq l-oġġetti importati u li jkun diġa tħallas. Altrimenti, l-importatur li jkun naqas u kiser il-liġi billi ma ħallasx parti mid-dazju dovut minnu jiġi penalizzat għal dan-nuqqas tiegħu billi jħallas multa li tkun kalkulata mhux biss (ġustament) fuq l-ammont tad-dazju li huwa jkun evada **iżda wkoll** fuq dak l-ammont tad-dazju li huwa jkun ħallas (u li dwaru għalhekk ma jkun kiser ebda Liġi). Dik il-modalita ta' komputazzjoni għalhekk tkun tinkludi fiha element ta' sanzjoni penali fuq aġir li ma jkunx penalment rilevanti, u bħala tali titqies piena sproporzjonata.

26. Apparti minn hekk, din il-Qorti taqbel ukoll mal-interpretazzjoni mogħtija tal-Liġi penali fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali - li jipprovdi li meta l-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi – għandu jingħata applikazzjoni b'mod oġġettiv u sostantiv. Din ir-regola għandha tapplika kemm meta l-Liġi tibdel il-kwalita jew kwantita tal-piena applikabbli b'mod speċifiku, kif ukoll meta l-bidla fil-Liġi tkun tikkonsisti fil-metodi li jolqtu l-komputazzjoni tal-piena u li jkollhom, bħala l-effett tagħhom jew wieħed mill-effetti tagħhom, li l-piena tiġi reża anqas gravi. F'dan il-każ, kif ingħad aktar il-fuq, l-evoluzzjoni fil-ġurisprudenza lokali pruvat tindirizza aspetti diversi tal-Liġi drakonjana tad-Dwana biex kemm jista' jkun dawn il-Liġijiet stretti jiġu moqrija b'mod li jirrispettaw dak misjub fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali.[7] Dan l-artikolu baqa' mhux mibdul sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie fis-seħħ bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien il-ġja artikolu 26 kien jaqra hekk:

> Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.

27. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li wkoll kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċi għall-avangwardja ta' żmienu. Il-Professur Sir

---

[7] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk :

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **is different** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[8] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero :

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently <u>repealed</u>, so that the act is no longer criminal;
>
> b) The law against which the offence was committed is subsequently <u>amended</u> or <u>changed</u> so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> B. This concerns the effect of a subsequent law (that is, a law enacted subsequently to the commission of the offence) which does not cancel the criminal character of the act but alters the law on which the charged is framed by varying the penalty or the conditions of liability of prosecution in respect of that act.
>
> The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice. If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.
>
> Section 28 of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : "pena di qualita' meno grave") shall be applied.
>
> In practice it is sometimes difficult to decide which of the two punishments is 'less severe'. In this connection regard must chiefly be had to the nature or quality of the two punishments, rather than tto their duration. Every punishment causes a suffering and deprives the offender of some right: therefore, of two punishments, that one is less severe which causes less suffering and deprives the sufferer of a less important right. It is only when both punishments are of the same nature or quality that the longer or shorter term thereof is a truly decisive factor in comparing their severity. ......

[8] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law**, **Limitations by Time**.

The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, even in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such .............penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

The scope of operation of Adjective Criminal Laws or laws of criminal procedure will be considered more fully in our lecures on that subject. It is here sufficient to say that in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

28. Fil-fatt, fiż-żmien meta nkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-**Interpretation Act** tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

**12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**

(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;

(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;

(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;

**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;

(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

29. Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, **ceteris paribus** il-posizzjoni ġiet simili għal dik deskritta minn Mamo fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889.

30. Minħabba din il-problematika, kienet reċentement saret proċedura permezz ta' referenza kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mark Anthony Brincat** u li ġiet deċiża fl-4 ta' Lulju 2019. F'din il-kawża ġie deċiż is-segwenti:

Illi jidher li l-iżjed aspett li dwaru r-Riferenza titlob direzzjoni huwa dak li jirrigwarda l-jedd li persuna ma tinstabx ħatja dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat;

Illi safejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikjolu 39(8) tal- Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fihom jiġbor fih il-massima tad-dritt "nullum crimen sine praevia lege" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il- prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("nulla poena sine lege"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis- sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min

jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l- għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;

Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pwieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali[16]. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli[17];

Illi jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet maż-żmien tnissel ukoll mill-Q.E.D.B. prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorità nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-Qrati, liema għemil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[18]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[19]. Ifisser biss li l- Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew taħlaq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni

[16] Q.E.D.B. (GC) 17.9.2009 fil-kawża fl-ismijiet Scoppola vs Italja (Nru. 2) (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[17] Q.E.D.B. 7.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet E.K. vs Turkija (Applik. Nru. 28496/95) §51
[18] Q.E.D.B. (GC) 25.5.1993 fil-kawża fl-ismijiet Kokkinakis vs Greċja (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3
[19] P.A. (Kost.) GV 28.3.2008 fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lorraine Falzon (mhix appellata)

jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court[20] took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity"[21];

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li f'dan ir- rigward ukoll ir-Riferenza saret qabel waqtha, għaliex it-tħaddim tal-jedd imsemmi jaf l-applikazzjoni tiegħu meta persuna tkun instabet ħatja ta' għemil jew reat kriminali u mhux qabel. Ladarba l-proċeduri li fil-qafas tagħhom saret

ir-Riferenza għadhom mexjin, ma jistax jingħad li hemm ksur tal-imsemmi jedd, b'mod partikolari fejn jgħodd il-prinċipju li persuna titqies li hija innoċenti sakemm ma tirriżultax mod ieħor il-ħtija tagħha. Huwa jżid jgħid li, biex wieħed jista' jqis jekk seħħx tabilħaqq ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, irid ikun hemm sejbien ta' ħtija b'sentenza jew deċiżjoni li tkun aħħarija u li minnha ma jistax jittieħed l- ebda proċediment ieħor[22];

Illi l-Qorti tagħraf is-siwi tas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar it-tħaddim tar-regoli li jħarsu l-imsemmi jedd, imma fl-istess waqt ma tistax twarrab minn quddiemha ċ-ċirkostanza partikolari li wasslet lill-Qorti Riferenti biex titlob id-direzzjoni ta' din il-Qorti. Kif ingħad qabel, f'dan il-każ, il-bdil li seħħ fil-liġi neħħa minn reat l-għemil (jew aħjar, in-nuqqas ta' għemil) li dwaru l-imputati kienu mixlija. Fl-istess Riferenza, il-Qorti Riferenti indikat jekk huwiex il-każ li titħaddem ir-regola magħrufa bħala tal-"Lex mitior". Minħabba li din il-Qorti jidhrilha li dan l-aspett jgħodd għaċ-ċirkostanzi li nħalqu fil-każ tal-imputati, sejra tqis ir-Riferenza wkoll taħt id-dawl tal-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

[20] Ir-riferenza hawn hija għas-sentenza tal-Q.E.D.B. 25.11.1997 fil-kawża fl-ismijiet Grigoriades vs Greċja (Applik. Nru. 24348/94) § 38 [21] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, (4th Edit), § 11.3 f' pag. 654 [22] Kost. 6.2.2015 fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Matthew Żarb et §§ 12 – 16

Illi ma hemmx dubju li l-jedd li persuna ma tingħatax piena għal għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat tiġbor fiha konsiderazzjoni wkoll dwar il- piena nnifisha, għaliex ma huwiex biżżejjed li l-għemil ikun jikkostitwixxi reat meta jsir, imma li s-sanzjoni jew il-piena li tista' tingħata għal min iwettaq għemil bħal dak trid tkun ukoll stabbilita minn liġi u magħrufa b'mod ċar minn qabel. Kemm l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma ċari biżżejjed biex ifissru dan. Dan ifisser li għemil li l-liġi tqisu bħala reat jiġbed fuqu l-piena jew is-sanzjoni li l-liġi tippreskrivi minn qabel. Kull bdil fil-liġi li bih il-piena ta' xi għemil jew ommissjoni tiħrax ma tistax tolqot il-ksur ta' dak l-għemil jew dik l-ommissjoni li jkun twettaq qabel il-bdil tal-liġi, għaliex il-piena li tgħodd hija dejjem dik li kienet tgħodd meta l- għemil ikun twettaq;

Illi l-kwestjoni li tqum, madankollu, huwa x'effett jista' jkollu bdil ta' liġi wara li jkun twettaq għemil jew ommissjoni li, fiż-żmien li twettqu, kienu jikkostitwixxu reat meta dak il-bdil jidher li jkun ħassar ir-reat. Dan huwa l-każ li fih jinsabu l-imputati fil-proċeduri li wasslu għal din ir-Riferenza;

Illi din il-Qorti tagħraf li din il-kwestjoni qamet ukoll quddiem il- Q.E.D.B. kemm-il darba u ma jidhirx li l-fehma u t-tagħlim dwarha kienu dejjem f'bixra waħda. Il-linja li kienet tittieħed kienet li, ladarba l-artikolu 7 ma jsemmix kontinġenza bħal din, allura l-għoti ta' piena eħfef ma kinitx tagħmel parti minn dak l-artikolu[23], u wisq anqas ma jseħħ il-waqfien ta' xi proċediment kriminali li jkun laħaq inbeda[24]. Min-naħa l-oħra, ingħad li "The words 'at the time the criminal offence was commited'[25] suggest that this provision does not confer a right to application of the norm as subsequently alleviated, or of the lowered penalty. However, as observed above, Article 7 clearly does

prohibit such an application either. It may even be prescribed by doestic law .. The lack of a provision of this iport in Article 7 is to be regretted, but it may be hoped that every court, except in special circumstances, will exercise this clemency if its domestic law leaves any scope for so doing"[26];

Illi madankollu, f'każ partikolari (u li jidher li kien f'moħħ il-Qorti Riferenti meta fasslet ir-Riferenza li bagħtet lil din il-Qorti) ingħad li "the Court takes the view tha it is necessary to depart from the case-law established by the Commission .. .. and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant"[27]. Fost l-oħrajn, biex waslet għal dik il-fehma, il-Q.E.D.B. qieset żviluppi ta' liġijiet jew konvenzjonijiet internazzjonali li daħlu fis-seħħ mal-medda tas-snin, fosthom ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal- Unjoni Ewropeja[28];

[23] Ara, b'eżempju Q.E.D.B. 30.9.2004 fil-kawża fl-ismijiet Zaprianov vs Bulgarija (Applik. Nru. 41171/98) [24] W.A. Schabas The European Convention on Human Rights: Commentary (OUP 2015) f'paġ. 350
[25] B'riferenza għall-Art. 7 tal-Konvenzjoni
[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit, § 11.3 f' pag. 657

Illi wieħed irid jgħid li dik is-sentenza ma kinitx unanimi u ċ- ċirkostanzi li dwarha ngħatat dik il-fehma ma kinux għal kollox jixbhu 'l dawk tal-każ tal-imputati f'din il-kawża. Minbarra dan, wieħed ma jistax joqgħod biss fuq dak li jiddisponi l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni bla ma jqis ukoll dak li jgħid l-artikolu 7(2);

Illi jekk wieħed kellu jqis id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi f'Malta u li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-bdil li sar fil-liġi ma laqat bl-ebda mod is-siwi tal-akkuża mressqa kontra l-imputati għaliex, fid-data meta twettaq l-għemil li bih jinsabu akkużati u wkoll fiż-żmien meta nfetħu l-proċeduri kontra tagħhom, l-artikolu 25A tal-Kap 378 kien fis-seħħ u kien jippreskrivi sanzjoni f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-istess jista' jingħad dwar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u dan b'rabta ma' dak li jipprovdi l-artikoplu 39(8) tal-Kostituzzjoni wkoll. Il-kwestjoni hija xi ftit aktar delikata meta wieħed jaqra l- artikolu 70 tal-Kapitolu 510. Minn kliem dak l-artikolu din il-Qorti tifhem li, fil-każ tar-reat li kien maħsub taħt l-artikolu 25A tal-Kap 378, għal dak li jirrigwarda proċeduri f'qorti li kienu diġà nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-bidliet fil-liġi, dak l-artikolu jitqies bħallikieku ma tħassarx. Fi kliem ieħor, ir-rieda tal-liġi jidher li hi li fil-każ ta' għemil jew ommissjoni taħt l-artikolu 25A u li dwaru kienu ttieħdu passi quddiem qorti, dak l-artikolu mhux biss ma tħassarx imma lanqas jista' jingħad li l-għemil ġie dekriminalizzat;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas fir-rigward tal-jedd tal-imputati li ma jkunx suġġetti għal piena għal għemil li mhuwiex reat stabbilit mil-liġi ma jirriżulta li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tagħhom, qiegħed jew sejjer

ikun hemm ksur ta' dan il-jedd bil-fatt li qegħdin jitmexxew kontrihom il-proċeduri kriminali li minnhom tressqet din ir-Riferenza;

31. L-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987. B'hekk wieħed irid jaqra l-Att dwar l-Interpretazzjoni wkoll fl-isfond ta' dak li allura jgħid l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, cjoe:

> 3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
>
> (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

32. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law: the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk:

> 55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty,

even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106).

33. Mill-banda l-oħra, l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, li ġie wkoll adottat minn Malta ma jħalli xejn għall-immaġinazzjoni meta, trattanti **Il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni** jgħid hekk:

> 1. L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli.**[9]
> 2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' persuna ħatja ta' att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.
> 3. Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.

34. Fir-referenza preliminari lil Qorti Ewropea tal-Ġustizzja numru **C-218/15** fl-ismijiet **Criminal Proceedings against Gianpaolo Paoletti et**, dik il-Qorti qalet hekk:

> The principle of the retroactive application of the more lenient criminal law, as enshrined in Article 49(1) of the Charter of Fundamental Rights of the European Union, is part of primary EU law. Even before the entry into force of the Treaty of Lisbon, which conferred on the Charter the same legal value as the treaties, it has been held that that principle followed from the constitutional traditions common to the Member States and, therefore, had to be regarded as forming part of the general principles of EU law, which national courts must respect when applying national law.

35. Iġifieri l-posizzjoni dwar dan il-punt illum il-ġurnata hija regolata mhux biss fuq bażi lokali iżda wkoll u b'mod partikolari fuq bażi Ewropea. Anke l-posizzjoni ġurisprudenzjali penali f'Malta qegħda wkoll tieħu din id-direzzjoni. Hekk wieħed jara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin Cassano** deċiż nhar it-28 ta' Settembru 2017, jieħu l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet hekk:

> Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellati u l-Qorti ghaldaqstant ser

---

[9] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[1]"

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

[1] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[2]"

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.

It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.

36. F'dan ir-rigward dil-Qorti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Gordon Spiteri**[10] kienet stqarret hekk**:**

---

[10] Deċiż nhar is-26 ta' Ottubru 2017

Illi fuq il-principju tar-retroattivita tad-dritt penali titkellem mhux biss il-Kostituzzjoni, izda ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet talBniedem fejn fil-kaz maghruf ta' Scoppola v. Italy l-Qorti Ewropea biddlet il-pozizzjoni li kienet hadet precedentement u osservat li:

"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirrafferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

> "The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."

37. Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina meta f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017:[11]

The European Court of Human Rights (ECtHR) has enunciated in its case what it referes to as the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. It has explained this principle in the Grand Chamber's decision of Scoppola v. Italy (No. 2) of September 17, 2009 as follows :

"In the light of the foregoing considerations, the court takes the view that it is necessary to depart from the case law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.

"That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant...

[11] **The More Lenient Criminal Law**, The Times, 27 ta' Frar 2017.

“It follows that the applicant was given a heavier sentence than the one prescribed by the law which, of all the laws in force during the period between the commission of the offence and delivery of the final judgment, was most favourable to him... In the light of the foregoing, the court considers that the respondent State failed to discharge its obligation to grant the applicant the benefit of the provision prescribing a more lenient penalty which had come into force after the commission of the offence”.

This was not the only case where the ECtHR applied the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. Other cases followed. Such is the case of Öcalan v. Turkey (No 2) of March 18, 2014 where it held that :

“The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.”

In the Öcalan judgment, the court also referred to another case: “In its decision in the case of Hummatov v. Azerbaijan ([dec.], nos. 9852/03 and 13413/04, May 18, 2006), the court approved the parties’ shared opinion that a life sentence was not a harsher penalty than the death penalty.”

In Ruban v. Ukraine decided on July 12, 2016, the ECtHR held as follows: “Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law”.

In Koprivnikar v. Slovenia, Strasbourg explained these words as follows: “In other words, where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of an offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (see Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], no. 10249/03, § 109, September 17, 2009).

In its judgment in the case of Gouarré Patte v. Andorra the court extended the guarantees of Article 7 concerning the retrospectiveness of the more lenient criminal law to the possibility of retrospective revision of the final sentence if domestic law provided for such a possibility (see Gouarré Patte v. Andorra, no. 33427/10, §§ 33 to 36, January 12, 2016).

By applying the above case law to the Bill, the situation is that under the Bill no punishment will be meted out for criminal libel on its entry into force once this offence is being decriminalised but under the Press Act which will be repealed by the Bill, the punishment is that of a fine. Needless to say, the most lenient of both provisions is the one which imposes no punishment not the one which imposes a fine.

Therefore clause 27(4) of the Bill is not in conformity with Article 7 of the ECHR. On the contrary, it is in breach of human rights. Yet, as the Bill has not been enacted into law, there is still time for government to salvage this situation provided that it understands that there is a problem here which needs addressing.

38. B'hekk f'din il-mawra t'analiżi ta' Liġijiet u ġurisprudenza Maltin u Ewropej fuq spazju temporali ta' mija sebgħa u sittin sena - terġa teħodna lura lejn il-punt tat-tluq ċjoe l-prinċipji stabbiliti fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali - in kwantu dawk l-istess prinċipji f'dan l-artikolu huma wkoll riflessi fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fl-oqsma Penali u dawk tad-Drittijiet tal-Bniedem - b'mod li bl-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tiġi mibdula b'mod li tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli. Mill-banda l-oħra jekk jirriżulta li f'każ partikolari tinbidel il-Liġi b'mod li jiġi affettwat kemm il-kliem kif ukoll l-ispirtu tal-Liġi bil-konsegwenza li l-piena erogabbli tkun għola minn dik il-piena kif kienet applikabbli skont il-Liġi (u interpretazzjoni ġurisprudenzjali aktar vantaġġjuża fuq dik il-liġi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat) allura dan jagħti lok għalbiex, f'dak il-każ partikolari, tkun il-Liġi li kienet fis-seħħ fil-mument ta' meta seħħ ir-reat li tkun il-lex mitior, u allura għandha tkun dik il-Liġi li tapplika.**

**Ikkunsidrat**

39. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn din sabet li l-appellat kien kiser il-Liġi tad-Dwana għar-raġunijiet imsemmija minnha aktar il-fuq. Biss imbagħad din il-Qorti tqis li l-Avukat Ġenerali għandha raġun meta tgħid li trid tinżamm distinzjoni bejn ir-responsabbilta' ċivili u dik kriminali. L-Avukat Ġenerali għandha raġun ukoll meta tgħid li ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun sabet li persuna tkun ikkommettiet reat taħt il-Liġi tad-Dwana, il-Qorti hija marbuta, bis-saħħa tal-Liġi tad-Dwana stess li tapplika s-sanzjoni konsegwenti l-ksur ta' dik il-Liġi u li, skont il-ġurisprudenza imsemmija aktar il-fuq għandha tkun dik l-aktar vantaġġjuża għall-ġudikabbli. Iżda b'dan ma jfissirx li l-Qrati jridu jimponu l-anqas perjodu ta' priġunerija jew l-anqas multa prevista mill-Liġi. Il-Qrati jridu jimponu dik il-piena skont kif stabbilita mill-Liġi. Imbagħad iridu jaraw li l-piena li tkun applikabbli tkun dik l-aktar vantaġġjuża għall-ġudikabbli b'dan li pero l-imposizzjoni ta' dik il-

piena – b'mod partikolari jekk il-Qorti tagħżel li timponi l-piena tal-multa - tkun tirrifletti wkoll l-insenjamenti ġurisprudenzjali imsemmija aktar il-fuq li jkunu aktar vantaġġjużi għall-ġudikabbli fil-każ ta' bidla fil-Liġi rilevanti.

40. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet is-sanzjoni tal-multa.[12] Iżda din il-multa, skont il-Liġi viġenti fil-jum meta ingħatat is-sentenza kienet tippreskrivi l-piena ta' multa kalkulata bħala **<u>tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti *jew* ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt Ewro hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin.</u>** Donnu r-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien li ġaladarba ġie konċess li l-ammont ta' dazju perikolat kien tħallas, u fil-mument tal-ġudizzju ma kienx għad fadal dazju li kellu jitħallas, allura dan kien ifisser li ma kienx għad fadal dazju perikolat u b'hekk ħames darbiet ix-xejn huwa xejn. Jidher li kien għalhekk li għażlet li timponi biss il-multa fil-minimum assolut tagħha.

41. Iżda din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni tal-Liġi. Dan ikun iqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun qed tikkonsidra l-Liġi viġenti fil-mument tal-ġudizzju bħala dik il-Liġi l-aktar vantaġġjuża għall-appellant. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti mhux hekk huwa l-każ. Il-problema tidher li titnissel mill-interpretazzjoni tal-frażi "dazju perikolat" li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat b'riferenza bħala dak id-dazju li jrid ikun għadu perikolat fil-mument tal-ġudizzju. Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni u tqis li d-dazju perikolat jirreferi għal dak il-punt fiż-żmien meta seħħ ir-reat u li allura bl-azzjoni illegali tal-ġudikabbli ikun bi strataġemmi speċifiċi spiċċa biex ħallas anqas dazju milli kien dovut b'mod għalhekk li fil-mument tal-kommissjoni tar-reat l-azzjoni tiegħu wasslet għal ammont ta' dazju li kien perikolat.

42. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment tqis li f'dan il-każ ma kienx hemm dazju perikolat għax fil-frattemp l-appellat kien - **<u>wara</u>** li wettaq ir-reat -

[12] minkejja l-fatt li l-appellat ġie mixli u misjub ħati b'ammont enormi ta' reati kontra l-Liġi tad-Dwana magħqudin flimkien bil-formula tar-reat kontinwat li allura kien jagħti lok lil dik il-Qorti li żżid il-piena bi grad jew żewġ gradi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li ma timponix piena ta' priġunerija f'dan il-każ flimkien mal-multa erogata minnha u b'hekk jidher li dik il-Qorti ma applikatx ukoll iż-żieda fil-piena bi grad jew tnejn skont l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

ħallas (ċivilment) id-differenza bejn id-dazju li kien ħallas u dak li kien perikolati u allura pretiż mid-Dwana. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li hija riedet tapplika l-liġi l-aktar favorevoli għall-imputat; iżda mill-banda l-oħra l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tal-"lex mitior" ma tfissirx li ladarba sar il-ħlas tad-dazju perikolat, allura dan jiġi jitqies li ma kienx hemm aktar dazju perikolat li fuqu taħdem il-multa.

43. F'dan il-każ, dik il-Qorti kellha tqis qabel xejn jekk kienx hemm dazju li kellu legalment jitħallas u jekk dak id-dazju tħallasx kollu. Jekk dak id-dazju ma tħallasx kollu bi ksur tal-Liġi, allura hemmhekk ikun twettaq ir-reat u d-differenza fid-dazju li kellu jitħallas u li ma kienx tħallas għandu jitqies li jkun id-dazju perikolat (jew evaż) għall-fini tal-komputazzjoni tal-multa – indipendentement mill-fatt jekk wara li seħħ ir-reat il-ġudikabbli jkunx ħallas din il-porzjoni tad-dazju perikolat.

44. Għall-fini tal-kalkolu tal-multa id-dazju perikolat għandu jiġi ritenut li huwa dak l-ammont ta' dazju li kien dovut li jitħallas f'dak il-punt fejn twettaq ir-reat u li ma ġiex imħallas mill-ġudikabbli. Il-kunċett ta' dazju perikolat (jew evaż) ma jitlifx din il-kwalifika legali tiegħu ta' dazju perikolat għall-fini tal-komputazzjoni tal-multa sempliċiment għaliex wara li jkun twettaq id-delitt de quo, il-ġudikabbli jagħżel li jasal fi ftehim mad-Dwana u jħallas dak il-bilanċ tal-ammont ta' dazju li, fil-mument ta' meta jkun ġie kommess ir-reat, kien jekwivali għad-dazju perikolat jew evaż. Ġaladarba l-ġudikabbli jkun ikkommetta r-reat, huwa jkun passibbli għall-azzjoni penali soġġetta għall-piena partikolari skont kif kienet applikabbli f'dak il-mument partikolari fiż-żmien (jew piena aktar vantaġġjuża għalih f'każ ta' bdil tal-Liġi skont il-każ).

45. Il-piena applikabbli għal dak ir-reat hija dik tal-priġunerija u/jew multa. Kif spjegat aktar il-fuq, fiż-żmien meta seħħ dan id-delitt, il-piena tal-multa kienet kalkolata fuq **tlett darbiet <u>l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti.</u>** Fil-mument meta l-Qorti ġiet għall-ġudizzju tagħha, l-istess dispożizzjoni tal-Liġi kien pero' ġiet emendata permezz tal-Att III tas-sena 2013 fejn allura l-komputazzjoni tal-multa inbidlet għal waħda ekwivalenti għal **<u>tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti *jew* ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt Ewro hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik</u>**

**<u>il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin</u>**.

46. L-emenda introdotta bl-Att III tal-2013 ħolqot din id-distinzjoni bejn dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti u dazju li huwa perikolat. L-applikazzjoni ta' din il-formula ta' komputazzjoni tal-multa konsegwenti din l-emenda għal dan il-każ tkun twassal għal piena ta' multa ferm għola minn dik kalkulata skond il-formula ta' komputazzjoni tal-multa bażata fuq l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali **f'Mamo** u **Spiteri** tal-istess Liġi kif kienet fiż-żmien meta ġew kommessi r-reati de quo. Din il-ġurisprudenza soda tat interpretazzjoni speċifika lil frażi "**dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti**" fis-sens li din tirreferi għal dak id-dazju li jkun ġie evaż. Dak iż-żmien il-Liġi fiha nnifisha ma kienetx tagħmel din id-distinzjoni. Il-Liġi kif emendata bl-Att tal-2013 kieku kellha tiġi applikata għal dan il-każ tkun twassal biex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija l-appellat ikun kundannat iħallas ħames darbiet id-dazju perikolat jew tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti. Fiż-żewġt ipoteżi l-ammont tal-multa jkun ferm għola minn dak li jkun dovut minnu skont l-interpretazzjoni tal-Liġi magħmula mill-ġurisprudenza imsemmija aktar il-fuq, relattiva għall-frażi "dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti" fis-sens li din tirreferi għal dak id-dazju li jkun ġie evaż u l-multa applikabbli fl-ammont ta' tliet darbiet l-ammont ta' dak id-dazju evaż. B'hekk l-interpretazzjoni l-aktar vantaġġjuża tal-Liġi kif mibdula għall-każ tal-appellat hija fil-fatt dik imsemmija mill-ġurisprudenza **f'Mamo** u **Spiteri** li applikat il-Liġi viġenti għal dak iż-żmien tar-reat u l-interpretazzjoni relattiva għal dik il-Liġi partikolari.

47. B'hekk min ikun twettaq ir-reat, irid jirrispondi għalih u jħallas il-piena skont il-Liġi. L-imposizzjoni ta' dik il-piena hija marbuta mal-fatt li jkun seħħ ir-reat u f'dan il-każ allura li ma jkunx tħallas **<u>id-dazju kollu dovut</u>** fil-mument meta seħħ ir-reat. Ladarba l-Qorti waslet għall-konklużjoni li ssib ħtija hija riedet tikkalkula kemm kien dan l-ammont ta' dazju li suppost kellu jitħallas u li ma ġiex imħallas – u allura d-dazju ritenibbli li kien evaż. Imbagħad dik il-Qorti kellha tapplika r-regoli tad-dritt penali fir-rigward tal-applikabbilta tal-Liġi u l-piena l-aktar favorevoli għall-ġudikabbli, li f'dan il-każ jirriżulta li kienet dik marbuta mal-interpretazzjoni ġurisprudenzjali mogħtija f'**Mamo**, **Spiteri** u **Cremona indipendentement mill-fatt li wara, l-imputat ikun ħallas dak l-ammont ta' dazju li kien dovut jitħallas u li fil-mument tar-reat ma kienx ġie mħallas.**

48. F’dan ir-rigward il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni. Din il-Qorti taqbel li l-Liġi tad-Dwana hija liġi fiskali, stretta, riġida u drakonjana, li torbot idejn il-Qrati f’diversi aspetti tagħha. Il-Qorti m’għandhiex wisq spazju ta’ manuvra f’din il-Liġi. Fil-każ li persuna tiġi misjuba ħatja ta’ reat taħt din il-Liġi, il-Liġi stess timponi l-obbligu fuq il-Qorti li teroga l-piena hemmhekk imsemmija, u huwa grazzi għall-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija li dawn il-pieni ġew interpretati b’mod li jkunu ftit aktar proporzjonati mal-għan li jrid jitwettaq bihom.

49. Interpretazzjoni xort’oħra tista’ tispiċċa li tavvantaġġja lil dawk li ma jkunux onesti u jagħżlu li jieħdu r-riskju li ma jħalsux id-dazju kollu dovut minnhom. Dan peress li b’dik l-interpretazzjoni, min ma jkunx ħallas id-dazju (kollu) dovut minnu fil-mument rilevanti, jkun jaqbillu jieħu r-riskju għaliex grazzi għal dik l-interpretazzjoni, jekk ikun inqabad li ma ħallasx id-dazju kollu dovut minnu, ikun jista’ jagħżel li jħallas id-differenza fid-dazju dovut – sapendo illi meta jittella’ l-Qorti – ladarba l-Qorti tqis li ma jkun għad fadal ebda dazju perikolat – jeħel multa irriżorja ta’ sitt mitt euro u mhux il-multa fuq l-ammont ta’ dazju li huwa jkun ipperikola bin-nuqqas ta’ ħlas tiegħu fil-mument meta jkun seħħ ir-reat. Fi ftit kliem din l-interpretazzjoni tippremja lil min jagħżel li jabbuża minn din il-Liġi – b’mod partikolari dawk li jabbużaw minnha kontinwament bi qliegħ kbir għalihom fi frankar ta’ dazju – biex imbagħad jekk jinqabdu kull ma jħalsu jkun l-ammont ta’ sitt mitt euro multa u barra bid-daqq. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li din l-interpretazzjoni ma taqbilx l-anqas mal-ispirtu tal-Liġi tad-Dwana u dan in kwantu din l-interpretazzjoni teqred kwalunkwe forma ta’ deterrent serju li persuni jevadu li jħalsu d-dazju dovut f’ħinu u f’waqtu. Din mhix politika penali sana.

50. Il-Liġi tad-Dwana ma tħallix wisq spazju ta’ manuvra lil Qrati. Il-fatt li l-appellat kien ħallas l-ammont ta’ dazju li kienet qegħda teżiġi d-Dwana minnu huwa pass ċivili pożittiv u doveruż. Iżda l-Liġi tad-Dwana imbagħad ma tipprovdi għal ebda **discount** għal dan. Il-fatt li l-appellat kien ħallas l-ammont ta’ dazju li kien reklamat mid-Dwana ma jistax jiġi konfuż mal-fatt primarju li nissel il-każ kollu u li huwa l-fatt li huwa kien irrenda ruħu ħati tar-reat taħt il-Liġi tad-Dwana li minnu tnisslet ir-responsabbilta tiegħu u d-dritt tal-Istat li jimponi s-sanzjoni relattiva. Huwa minnu li huwa fl-aħħar mill-aħħar għamel tajjeb għal dak in-nuqqas ta’ ħlas tiegħu. Iżda b’daqshekk ma jfissirx li bil-ħlas tal-ammont ta’ dazju li kien evaż u għalhekk perikolat, huwa kien ukoll estingwa d-debitu kriminali versu l-Istat. Ir-responsabbilta kriminali tal-appellat nibtet hekk kif huwa naqas

milli, għal raġuni jew oħra, iħallas l-ammont ta' dazju dovut minnu fil-mument opportun. U għal dik ir-responsabbilta kriminali il-Liġi tad-Dwana timponi sanzjoni li tista' tkun fil-forma ta' ħlas ta' multa kif imsemmi minnha, mingħajr ebda skont. Il-biċċa hi li dik il-Liġi tant hija stretta li ma tippermettix lil Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li tkun tista' tagħti piena differenti jew inqas minn dik imsemmija fl-istess Liġi.

51. Fid-dawl ta' dak mistqarr aktar il-fuq din il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli tal-Liġi għall-appellat hija wkoll dik mistqarra mill-Avukat Ġenerali f'dik il-parti tal-appell tagħha fejn tikkonċedi li l-appellat ma jiġix soġġett għall-piena ta' ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat kif inhi il-Liġi viġenti; iżda li l-Liġi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tiġi mogħtija l-interpretazzjoni aktar vantaġġjuża mogħtija minn dawn il-Qrati għal każijiet analogi għal dak tal-appellat **f'Mamo** u **Spiteri**[13] b'mod għalhekk li l-interpretazzjoni għall-frażi "**tlett darbiet <u>l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti"</u>** applikabbli għal dak iż-żmien għandha titqies li tirreferi għal tlett darbiet l-ammont ta' dażju evaż u li dan qed jitqies skont kif rifless fil-kalkoli magħmula mid-Dwana fil-"letter to prosecute" tagħha.[14]

## Ikkunsidrat

52. L-Avukat Ġenerali targumenta wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif integrati fil-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Dil-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tinoltra wisq ruħha f'dan ir-rigward għaliex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta li tapplika l-prinċipju tan-non-retroattivita' tal-liġi fil-kamp penali.

53. Biss, għalkemm din id-dispożizzjoni tal-Liġi ġiet abrogata, jidher li din ġiet integrata fil-Artikolu 62(m) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u din id-dispożizzjoni tal-Liġi ġiet iċċitata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-decide tagħha meta sabet ħtija fl-appellat għall-ksur tal-istess u kwindi anki hawn il-Qorti ma tistax tikkondividi l-argument tal-Avukat Ġenerali fejn dan qiegħed jara xi nuqqas.

---

[13] u li wkoll seħħew fi żminijiet qrib dawk li fihom seħħ dan il-każ u qabel ma ġew fis-seħħ l-emendi bl-Att III tal-2013.

[14] Din il-Qorti, bħall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, tqis li f'dan il-każ, u fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, ma għandhiex timponi piena ta' priġunerija, l-anqas fil-forma sospiża tagħha in kwantu qegħda tieħu wkoll kont tat-trapass taż-żmien bejn il-kommissjoni tar-reati u d-data ta' dan il-ġudizzju.

# Decide

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat Kevin ATTARD ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu, tħassarha f'dik il-parti fejn għalihom ikkundanntu għall-piena ta' multa ta' sitt mitt euro u minflok tibdel din il-piena għal dik ta' multa fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, mitejn tnejn u sebgħin euro tmienja u erbgħin ċenteżmi (Ewro 43,272.48).

Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**